MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2012

Numru. 790/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daniel Zammit]**

**vs**

**Floyd Attard**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Floyd Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 400284(M).

Akkuzat talli nhar il-31 ta’ Lulju 2010, ghal habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar (13:00hrs):
Ikkommetta serq minn gewwa ‘Tom Mix Garage’ sitwat fi Triq il-Belt Valletta, Qormi, ghad-dannu ta’ George Micallef, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu

(€232.94) izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

U aktar talli rrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;
Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu; u

Rat il-verbal tas-7 ta' Mejju 2012 fejn gie verballizzat li r-resfurtiva giet ritornata kollha u li l-imputat kkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(d), 267, 279(a), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Floyd Attard hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u ghal dan il-ghan qed tpoggih taht Probation Order taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 ghal sentejn (2).

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------